*EDIZZJONI STRAORDINARJA*
*EXTRAORDINARY EDITION*

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

13,695

It-Tlieta, 22 ta' Jannar, 1980
Tuesday, 22nd January, 1980

Prezz 2c
Price 2c

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 87

### ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (CAP. 92)

**Nomina ta' Membri tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili**

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tal-poteri mogħtija bis-sub-artikolu 2 ta' l-Artikolu III ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, il-Prim Ministru innomina l-Membri li ġejjin tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili mill-1 ta' Jannar, 1980 sal-31 ta' Marzu, 1980.

Il-Maġistrat John Anastasi, LL.D.
Il-Maġistrat Spiridione Camilleri, LL.D.
Il-Maġistrat Stephen R. Borg Cardona, B.A., LL.D.
Il-Maġistrat Victor Caruana Colombo, LL.D.
Il-Maġistrat Carmelo Scicluna, LL.D., A.C.I.S.A.
Il-Maġistrat Carmel A. Agius, LL.D., B.A.
Il-Maġistrat Joseph D. Camilleri, B.A., LL.D.
Il-Maġistrat Gawdenz P. Borg, LL.D.
Il-Maġistrat Joseph A. Filletti, B.A., LL.D.
Dott. George Degiorgio, B.A., LL.D.

L-4 ta' Jannar, 1980
(OPM/1506/58)

## GOVERNMENT NOTICES

No. 87

### NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 92)

**Appointment of Members of the Court of Revision of Notarial Acts**

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by subsection 2 of Section III of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Prime Minister has appointed the following Members of the Court of Revision of Notarial Acts from the 1st January, 1980 to the 31st March, 1980.

Magistrate John Anastasi, LL.D.
Magistrate Spiridione Camilleri, LL.D.
Magistrate Stephen R. Borg Cardona, B.A., LL.D.
Magistrate Victor Caruana Colombo, LL.D.
Magistrate Carmelo Scicluna, LL.D., A.C.I.S.A.
Magistrate Carmel A. Agius, LL.D., B.A.
Magistrate Joseph D. Camilleri, B.A., LL.D.
Magistrate Gawdenz P. Borg, LL.D.
Magistrate Joseph A. Filletti, B.A., LL.D.
Dr George Degiorgio, B.A., LL.D.

4th January, 1980

## Nru. 88

## AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136), hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 8 (1) ta' dik l-Ordinanza.

It-22 ta' Jannar, 1980
(File No. L. 838/62/6)

DIKJARAZZJONI
TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitlu 136) u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

*Deskrizzjoni ta' l-Art*

L-art li ġejja f'Ħal Farruġ, limiti ta' l-Imqabba:

Biċċa art tal-kejl ta' 243.6 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tal-werrieta ta' William J. England, mil-Lvant u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern.

L-art hawn fuq imsemmija tidher fuq pjanta markata L.D. 25/63, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Uffiċċju ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) ANTON BUTTIGIEG,
*President*

Il-11 ta' Jannar, 1980

## No. 88

## ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) is published in terms and for the purposes of section 8 (1) thereof.

22nd January, 1980

DECLARATION
BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) and that the acquisition thereof is to be by absolute purchase.

*Description of the Land*

The following land at Ħal Farruġ, limits of Mqabba:

A plot of land of the area of 243.6 square metres, bounded on the North-West by property of the heirs of William J. England, on the East and South-East by Government property.

The abovementioned land is shown on plan marked L.D. 25/63, which may be seen on demand at the Land Office, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd.) ANTON BUTTIGIEG,
*President*

11th January, 1980

## Nru. 89

## ATT TA' L-1974 DWAR L-EDUKAZZJONI

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 553 pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Novembru, 1979, ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi s-Sur Franco Masini, B.A., L.P., ġie nominat Rappreżentant tal-Prinċipali fil-Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti, minflok is-Sur John Parnis England li irriżenja.

It-22 ta' Jannar, 1980

## No. 89

## EDUCATION ACT, 1974

WITH reference to Government Notice No. 553 published in the Government Gazette dated 6th November, 1979, it is notified for general information that Mr Franco Masini, B.A., L.P., has been appointed Employers' Representative on the Students' Selection Board, in lieu of Mr John Parnis England who has tendered his resignation.

22nd January, 1980

## L-OGĦLA PREZZIJIET TA' DQIQ

*(Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, Regolament 3)*

**Ordni Nru. 7**

Id-Direttur tal-Kummerċ igħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom dqiq jista' jinbiegħ, għandhom, sakemm joħroġ Ordni ieħor, ikunu kif ġej:

£M6.07,8 kull xkora ta' 63.5 kilogramma *ex-mill.*

£M6.19,0 kull xkora ta' 63.5 kilogramma konsenjata lill-ifran.

£M6.31,3 kull xkora ta' 63.5 kilogramma konsenjata lill-bejjiegħa bl-imnut u lid-dulċiera.

11c0 kull kilogramma lill-konsumatur.

L-Ordnijiet kollha ta' qabel li ma jaqblux ma' ta' hawn fuq huma b'dan imħassrin.

It-22 ta' Jannar, 1980

* * * *

## L-OGĦLA PREZZIJIET TA' QAMĦ

*(Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, Regolament 3)*

**Ordni Nru. 8**

Id-Direttur tal-Kummerċ igħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom Qamħ jista' jinbiegħ lit-taħħana, għandhom, sakemm joħroġ Ordni ieħor, ikunu kif ġej: —

Kull Tunnellata Metrika — £M76.66c0

L-Ordni-iet kollha ta' qabel li ma jaqblux ma' ta' hawn fuq huma b'dan imħassrin.

It-22 ta' Jannar, 1980

* * * *

## L-OGĦLA PREZZIJIET TA' NUĦĦALA U SMIDA

*(Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, Regolament 3)*

**Ordni Nru. 9**

Id-Direttur tal-Kummerċ igħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom fdalijiet tat-tħin imsemmija hawn taħt, l-ixkejjer vojta jridu jiġu ritornati, jistgħu jinbiegħu, għandhom, sakemm joħroġ Ordni ieħor, ikunu kif ġej:

## MAXIMUM PRICES OF FLOUR

*(Sale of Commodities (Control) Regulations, 1972, Regulation 3)*

**Order No. 7**

The Director of Trade notifies that the maximum prices at which flour may be sold, shall, until further Order, be as follows:

£M6.07,8 per bag of 63.5 kilograms ex-mill.

£M6.19,0 per bag of 63.5 kilograms delivered to bakers.

£M6.31,3 per bag of 63.5 kilograms delivered to retailers and confectioners.

11c0 per kilogram to consumer.

All previous Orders inconsistent with the above are hereby repealed.

22nd January, 1980

* * * *

## MAXIMUM PRICES OF WHEAT

*(Sale of Commodities (Control) Regulations, 1972, Regulation 3)*

**Order No. 8**

The Director of Trade notifies that the maximum prices at which Wheat may be sold to millers, shall, until further Order, be as follows: —

Per Metric Ton — £M76.66c0

All previous Orders inconsistent with the above are hereby repealed.

22nd January, 1980

* * * *

## MAXIMUM PRICES OF BRAN AND POLLARDS

*(Sale of Commodities (Control) Regulations, 1972, Regulation 3)*

**Order No. 9**

The Director of Trade notifies that the maximum prices at which the undermentioned milling of offals, empty bags returnable, may be sold, shall, until further Order, be as follows:

| Nuħħala u Smida | | Kull Tunnellata Metrika |
|---|---|---|
| Lill-bejjiegħ bl-imnut, fabbrikant jew għal min irabbi mill-*Mill* | | £M58.34,0 |
| Lill-Konsumatur | Malta | £M61.07,0 |
| | Għawdex | £M61.70,0 |

L-Ordnijiet kollha ta' qabel li ma jaqblux ma' ta' hawn fuq huma b'dan imħassrin.

It-22 ta' Jannar, 1980

| Bran and Pollards | | Per Metric Ton |
|---|---|---|
| To retailer, manufacturer or breeder from Mill | | £M58.34,0 |
| To Consumer | Malta | £M61.07,0 |
| | Gozo | £M61.70,0 |

All previous Orders inconsistent with the above are hereby repealed.

22nd January, 1980

* * * *

## L-OGĦLA PREZZIJIET BL-IMNUT TA' DQIQ *SELF RAISING*

*(Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, Regolament 3)*

**Ordni Nru. 10**

Id-Direttur tal-Kummerċ igħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom dqiq *self-raising* jista' jinbiegħ bl-imnut, għandhom, sakemm joħroġ Ordni ieħor, ikunu kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Pakkett ta' 800 g | — | 14c2 |
| Pakkett ta' 400 g | — | 7c4 |

L-Ordnijiet kollha ta' qabel li ma jaqblux ma' ta' hawn fuq huma b'dan imħassrin.

It-22 ta' Jannar, 1980

## MAXIMUM RETAIL PRICES OF SELF-RAISING FLOUR

*(Sale of Commodities (Control) Regulations, 1972, Regulation 3)*

**Order No. 10**

The Director of Trade notifies that the maximum prices at which self-raising flour may be sold by retail, shall, until further Order, be as follows:

| | | |
|---|---|---|
| 800 g packet | — | 14c2 |
| 400 g packet | — | 7c4 |

All previous Orders inconsistent with the above are hereby repealed.

22nd January, 1980

* * * *

## L-OGĦLA PREZZIJIET TA' GĦAĠIN

*(Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, Regolament 3)*

**Ordni Nru. 11**

Id-Direttur tal-Kummerċ igħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom għaġin jista' jinbiegħ bl-użin (mhux ippakkjat minn qabel) għandhom, sakemm joħroġ Ordni ieħor, ikunu kif ġej: —

| | |
|---|---|
| Lill-Bejjiegħ bl-imnut | 19c8 kull kilo |
| Lill-Konsumatur | 21c8 kull kilo |

Fil-każ ta' għaġin ippakkjat minn qabel, japplikaw il-prezzijiet li ġejjin:—

## MAXIMUM PRICES OF PASTE

*(Sale of Commodities (Control) Regulations, 1972, Regulation 3)*

**Order No. 11**

The Director of Trade notifies that the maximum prices at which paste may be sold by weight (not pre-packed) shall, until further Order, be as follows: —

| | |
|---|---|
| To Retailer | 19c8 per kilo |
| To Consumer | 21c8 per kilo |

In the case of pre-packed paste, the following prices shall apply: —